**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Joseph Cini**
*Omissis*

Numru: 610/2012

Illum 21 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Cini**, ta' tmienja u erbghin (48) sena, iben Joseph u Jane neé Buttigieg, imwieled Pietà nhar is-27 ta' Mejju 1964, minghajr indirizz fiss, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 304664(M)

*Omissis*

akkuzat talli nhar is-27 ta' Lulju 2011, bejn is-7.30pm u l-10.15pm:

1. mill-fond numru 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, inkluz flus kontanti, apparat elettroniku, dokumenti u oggetti ohra, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-detriment tal-koppja Robert u Dawn, konjugi Marsh u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-iktar f'aperturi, kemm ta' barra kif ukoll ta' gewwa, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) *ai termini* tal-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Robert u Dawn, konjugi Marsh u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

3. mill-fond Villa Valentina, Triq il-Gojjin, Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, inkluz flus kontanti u apparat elettroniku, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-detriment tal-familja Parry u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

akkuzat ukoll talli nhar it-3 ta' Awwissu 2011 u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel u/jew ta' wara din l-istess data, f'dawn il-Gzejjer:

4. naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D., nhar it-28 ta' Mejju 2009, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat/i ta' natura volontarja;

kif ukoll talli:

5. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-istess Joseph Cini gia' gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM 8" - *a fol.* 36).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja (*a fol.* 37).

Rat illi, fis-seduti tal-1 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 209) u tas-7 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 210), il-Qorti kif diversament preseduta ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg imputati originali u b'hekk il-kawza odjerna kompliet tinstema biss fil-konfront ta' Joseph Cini.

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 3 ta' Frar 2016 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 295).</u>

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 299), lill-Prosekuzzjoni tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 301), li d-difiza ma kinitx qed tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u dana ghar-ragunijiet imsemmija fil-verbal tas-seduta msemmija.

Rat id-Digriet mogħti fit-28 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 304 *et seq.*) fejn il-Qorti kif preseduta ċaħdet it-talba tad-difiża sabiex din il-Qorti terġa' tisma mill-ġdid ix-xhieda li kienu xehdu f'dawn il-proceduri qabel il-kawża ġiet assenjata lill-Qorti kif preseduta.

Rat id-Digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2018 (*a fol.* 326 *et seq.*) fejn il-Qorti kif preseduta ċaħdet it-talba tal-imputat sabiex issir riferenza kostituzzjonali.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2018, lill-imputat jiddikjara li kien ser jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 332).

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 332), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kinitx qed tinsisti għat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u ma kinitx qed tinsisti lanqas għall-aggravju tal-valur fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, u b'hekk il-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u kif ukoll l-aggravju tal-valur fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Semgħet uħud mix-xhieda prodotti in difesa.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-16 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 360 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiża pprezentata fit-22 ta' Frar 2019 (*a fol.* 368 *et seq.*).

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 372 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u prezentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehed **PS 419 Anton Buttigieg** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega illi fis-27 ta' Lulju 2011 ghall-habta tal-9.50pm kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn cempel certu Alfred Borg li nfurmah li kien ircieva telefonata rekordjata fuq il-*mobile* tieghu fejn gie nfurmat li kienet qed issir serqa gewwa l-villa li jiehu hsieb gewwa Santa Marija Estate, bl-indirizz 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha. Jghid li hu (PS 419) mar fuq il-post fejn irrizultalu illi l-persjana tat-tieqa tal-kamra tas-sodda ta' l-i*spare bedroom* kienet maqlugha u kien hemm it-tieqa mkissra, minn liema villa kienu nsterqu, fost l-ohrajn, iPod, *camera*, u mija u ghoxrin Sterlina fi flus kontanti. Jghid li waqt li kien fuq il-post kellem lil Alfred Borg peress li n-nies barranin Robert Marsh u Dawn Marsh ma kienux fuq il-post u wara kkonferma maghhom li l-affarijiet li semma kienu nsterqu. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 43 *et seq.*). Kompla jispjega li sakemm kien qieghed fuq il-post gie nfurmat mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra illi kien dahal rapport ta' serqa ohra gewwa Villa Valentina, Triq il-Gojjien, Mellieha. Jghid li mar fuq il-post fejn kellem lil certu Robert Michael Parry li qallu li kien hareg mill-imsemmija villa ghall-habta tat-7.50pm fejn kien halla t-tieqa tal-kamra tal-banju u tal-kcina maghluqin pero' mhux imsakkrin u meta wara rritornaw lura sabu t-tieqa tal-kamra tal-banju miftuha u taqlib kullimkien. Jghid li Parry irraporta li kienu nsterqulu diversi affarijiet. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "AB 2" (*a fol.* 49 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Eufrasia Borg** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn spjegat li ilha taf hafna lis-sidien Inglizi tal-villa 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha. Tghid li huma John Arkel, li jghixu l-Ingilterra u li jigu b'mod frekwenti fil-villa. Tghid li l-*alarm* tal-fond huwa konness mal-*mobile* taghha u jekk iddoqq l-*alarm*, idoqqielha l-*mobile*. Tghid li dakinhar tal-akkadut ghall-habta tal-10.00pm daqqet l-*alarm* u marret flimkien mar-ragel taghha Alfred Borg. Tispjega li fil-hin li marru fil-villa ma kien hemm hadd, daru dawra u sabu bieb minn wara mkisser, il-*louvers* imkissrin u hgiega mkissra. Tghid li zewgha cempel lill-Pulizija. Tixhed li fil-villa kien hemm ragel u mara ta' nazzjonalita' Ingliza li huma hbieb tas-sidien tal-villa. Tispjega wkoll li gie mqabbad persuna biex jirranga

l-hgiega u l-*louvers* u mistoqsija tghid kemm gie l-ammont tal-hsara, wiegbet: *"Huma kellhom xi affarijiet prezzjuzi, kellhom iPod zgur […], kellhom hand luggage ezatt mal-bieb fuq siggu, pero' l-ispiza ma nafx"* (*a fol.* 57).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Alfred Borg** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Lulju 2011 daqqlu l-*alarm* fuq il-*mobile* u mar fil-fond fi Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha. Jghid li meta mar fuq il-post, dar mal-villa u fuq in-naha ta' wara *"nsib il-louvers imkissrin, hemm bieb bil-louvers imkissrin u miftuha u l-hgiega t'isfel imkissra, kien hemm gebla, l-gebla kienet ghadha hemm fuq il-post"* (*a fol.* 59). Jghid li sewwa l-hsara hu u mistoqsi jghid kemm nefaq, l-ewwel jghid li ma jafx, imbaghad jghid li nefaq madwar mija u hamsin Euro (€150.00). Jghid li ma ghandu l-ebda ricevuti ghax sewwa kollox hu. Jispjega li fid-dar ma nstabx taqlib u li l-ispejjez baghtihom is-sid tal-villa, cioé John Arkel, peress li Arkel hallsu.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2012, xehed **PS 465 Daniel Abela** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn ezebixxa zewg rapporti li gew immarkati bhala Dok. "DAF 1" (*a fol.* 65 *et seq.*) u Dok. "DAF 2" (*a fol.* 69 *et seq.*). Jghid li kien eleva sigarett minn lok u sigarett minn lok iehor.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2012, xehdet ukoll **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn spjegat li PS 465 ghaddielha zewg sigaretti u ezebiet zewg rapporti li gew mmarkati bhala Dok. "MCP 1" (*a fol.* 75 *et seq.*) u Dok. "MCP 2" (*a fol.* 77 *et seq.*). Tghid li rrizultalha li mentri wiehed kien loqom ta' sigarett ta' ragel, l-iehor kien loqom ta' sigarett ta' mara.

**Dr. Marisa Cassar** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 276) fejn qalet li giet nominata sabiex taghmel ezami tad-DNA fuq analizi ta' komparazzjoni bejn profil genetiku li kien hareg minn sigarett u l-profil genetiku tal-imputat wara li hi kienet hadet il-kampjun fuq il-persuna *seduta stante*. Ezebiet ir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. "DNA" (*a fol.* 279 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' April 2013, xehed **Robert Michael Parry** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn spjega li s-27 ta' Lulju 2011 kienet l-ahhar gurnata tal-vaganza u li mieghu kellu liz-zewgt'itfal. Jghid li fil-ghaxija marru jieklu mal-girien taghhom u meta rritorna lura fil-fond fejn kienu jirrisjedu, li jghid li hija villa ta' Jesmond Bonanno, sab li kien hemm it-tieqa miftuha u kien hemm taqlib. Ma jiftakarx l-isem tal-villa. Jghid li sab li kien hemm diversi affarijiet neqsin, fosthom il-*laptop* tieghu u l-*laptop* ta' ibnu. Jghid li l-valur ta' kollox kien ta' madwar elf u hames mitt Sterlina/elfejn Sterlina. Jghid li kien assikurat u mistoqsi jghid jekk giex mhallas, wiegeb fin-negattiv u jghid ghala. Jghid li deher bic-car li min dahal, dahal mit-tieqa. Jghid ukoll li kien ilu fil-villa ghal gimghatejn

In <u>kontro-ezami</u> jghid li dan gara lejn l-ahhar ta' Lulju tas-sena 2011.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' April 2013, xehdet ukoll l-i**Spettur Therese Sciberras** (*a fol.* 92 *et seq.*) fir-rigward tal-okkorrenzi li jinsabu mmarkati bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 43 *et seq.*) u Dok. "AB 2" (*a fol.* 49 *et seq.*). Tispjega li dawn l-okkorrenzi jirrigwardaw zewg serqiet, it-tnejn fil-Mellieha, fejn qalet li kienet ordnat lil *Scene of the Crime Officers* sabiex jaccedu fuq iz-zewg postijiet u jirrelataw dwar dak li sabu fir-rigward tas-serqiet in kwistjoni bhala *Police Investigations*. Tghid: *"sussegwentement niftakar […] qed nitkellem mill-memorja, naf li wahda minn dawn is-serqiet kienu nstabu xi affarijiet minnhom go villa ohra Santa Marija Estate, il-Mellieha, fejn kienu tressqu xi nies, jekk miniex sejra zball, is-Sinjuri hawnhekk li nafhom bhala l-akkuzati hemm fejn hemmhekk kienet saret ukoll Inkjesta rigward l-affarijiet li nstabu u kienu hatru ammont ta' esperti hemm rigward dawn l-affarijiet li kienu nstabu kienu nsterqu originarjament minn wahda minn dawn il-vilel"* (*a fol.* 93).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' April 2013, xehed ukoll **PS 180 Fabian Aquilina** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn qal li qabel ittiehdet stqarrija mill-imputat, ha lill-imputat jara z-zewg vilel in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' April 2013, xehed ukoll **Joshua Robert Parry** (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn spjega li ghandu dsatax il-sena. Jghid li

fis-27 ta' Lulju 2011 marru jieklu fil-ghaxija u meta rritornaw lura fid-dar fejn kienu qed jirrisjedu, hu u huh irrealizzaw li kien hemm xi affarijiet neqsin. Jghid li malli wasal missierhom irrealizzaw li kien hemm aktar affarijiet neqsin. Jghid li l-bieb ta' quddiem kien msakkar. Ma jiftakarx jekk kienx hemm xi danni. Ma jafx ezatt il-valur tal-oggetti misruqa pero' jghid li l-affarijiet tieghu li kienu nieqsa kienu jammontaw ghal sitt mitt Sterlina. Jghid li ma rkupra xejn. Jixhed li dan sehh lejn l-ahhar ta' Lulju tas-sena 2011.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' April 2013, xehed ukoll **l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 105 *et seq.*) fejn ezebixxa tmien sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "SNG 1" sa Dok. "SNG 8" (*a fol.* 107 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, xehed **PS 1392 Kevin Buhagiar** (*a fol.* 178) fejn spjega li kien rikjest mill-iSpettur Therese Sciberras sabiex jaccedi f'zewg postijiet fil-Mellieha u jiehu xi ritratti. Ezebixxa zewg faxxikoli fotografici li gew mmarkati bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 180) u Dok. "KB 2" (*a fol.* 181).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **Robert Bugeja** (*a fol.* 182) fejn ipprezenta bhala Dok. "BR 1" (*a fol.* 184 *et seq.*) traduzzjoni mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija tad-depozizzjoni moghtija bl-Ingliz minn Robert Michael Parry u Joshua Robert Parry.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015, xehed **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 253 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat sabiex jigbed numru ta' ritratti ta' esebiti li jinstabu fil-Qorti. Huwa ezebixxa faxxikolu b'wiehed u ghoxrin (21) ritratt, liema faxxikolu gie mmarkat bhala Dok. "SOCO" (*a fol.* 254 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016, xehdet **Alexandra Dalmas** (*a fol.* 271) fejn ikkonfermat li l-oggetti li jidhru fir-ritratti li jinsabu minn *a fol.* 261 sa 268 u formanti parti minn Dok. "SOCO" (*a fol.* 254 *et seq.*) instabu fir-residenza taghha meta saret tfittxija mill-Pulizija. Tghid li dawn l-oggetti ma kienux taghha u tghid li ma tafx ta' min huma. Tghid li f'dak iz-zmien kien joqghod maghha l-imputat f'liema dar kienu jghixu huma biss. Tghid li l-imputat dam

madwar erba' xhur jghix hemm. Tixhed li d-djarji m'humiex taghha.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2016, xehdet **Carmen Borg** (*a fol.* 285) fejn qalet li l-imputat ilu residenti l-habs minn Jannar 2016. Tghid li l-imputat jinsab taht arrest preventiv u li qed jiskonta sentenza ta' habs li taghlaq fil-11 ta' Settembru 2017. Tghid li l-imputat jinsab ukoll taht arrest fuq kaz iehor u ghandu kaz iehor pendenti li jinsab fi stadju ta' appell, u dana apparti l-kawza odjerna. Tixhed li, skond rapport datat 14 ta' Gunju 2016, it-testijiet tal-awrina li ttiehdu mill-imputat ghall-prezenza tad-droga, dejjem taw rizultat negattiv. Tixhed li ma rrizultalhiex li l-imputat jaghmel xi *community work* minkejja li precedentement fis-snin ta' qabel kien jaghmel *community work* mal-Fondazzjoni Respite Care Services, Dar il-Kaptan, l-Imtahleb u dan b'mod volontarju. Tghid li fil-habs hemm sistema fejn prigunier japplika tant li l-applikazzjoni tal-imputat giet assessjata u giet ukoll milqugha. Tghid li l-imputat kien hadem Dar il-Kaptan mis-27 ta' Ottubru 2014 sas-26 ta' Novembru 2014.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2018, xehed **Il-Maggur Helenio Galea** (*a fol.* 335 *et seq.*) fejn qal li huwa l-Ufficjal Inkarigat mir-*Records Office* fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Jispjega li Joseph Cini, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 304664(M)) dahal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fis-7 ta' Awwissu 2011 taht arrest tal-iSpettur Portelli. Jghid li l-persuna msemmija, fis-sena 2011, dahlet biss fis-7 ta' Awwissu 2011. Mitlub jixhed fuq il-perjodu ftit qabel is-7 ta' Awwissu 2011 u wara s-27 ta' Lulju 2011 jghid li l-persuna msemmija ma kienx l-habs. Jghid li dahal fis-7 ta' Awwissu 2011 u hareg fil-25 ta' Dicembru 2014. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dak li xehed liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "HG 1" (*a fol.* 338).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2018, xehed ukoll **Clint Zahra** (*a fol.* 339 *et seq.*) fejn qal li huwa *Acting Senior Correctional Officer*. Jghid li huwa l-Ufficjal inkarigat mill-*Control Room* tal-habs. Jghid li ser jixhed minhabba xi telefonati li saru mill-imputat mill-habs lil Sandra Dalmas fis-sena 2011. Jghid li f'Novembru 2011 saru tmien

telefonati u li l-ahhar telefonata fejn l-imputat tkellem ma' Sandra Dalmas kien fid-19 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-10.20. Ezebixxa dokument u CD in sostenn ta' dak li xehed, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "CZ 1" (*a fol.* 341 u *a fol.* 349). Jghid li jintgharaf il-lehen tal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2018, xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 343) fejn qal li gie appuntat biex jaghmel zewg kopji ta' CD formanti parti minn Dok. "CZ 1" (*a fol.* 341 u *a fol.* 349). Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "SFS 1" (*a fol.* 344 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018, xehed **Anthony Borg** (*a fol.* 352 *et seq.*) fejn spjega li jaf lill-imputat ghax l-imputat kellu relazzjoni ma' ohtu Sandra Dalmas. Ma jafx ezatt kemm damet ir-relazzjoni bejn ohtu u l-imputat pero' jghid li, jekk mhux sejjer zball, kien fis-sena 2011/2012. Jghid li fir-relazzjoni damu madwar sitt xhur. Jispjega li l-imputat u ohtu kienu jghixu flimkien go *farmhouse* ic-Chadwick Lakes. Jghid li ohtu qaltlu hafna affarijiet wara li harget mill-habs. Jixhed li ohtu kellha zewg *farmhouses* u li kien hemm zmien fejn kellha tbiegh il-proprjeta'. Jghid li ohtu qaltlu li kellha relazzjoni mal-imputat u li ma kinitx spiccat bit-tajjeb ghax spiccaw it-tnejn il-habs u kienu ser jehdulha d-dar. Ma jafx ezatt fuq xiex kienet arrestata ohtu. Jaf li ohtu kienet il-habs. Jghid li ma jafx ghala ohtu kienet il-habs pero' wara jghid li jaf li ohtu kienet il-habs fuq xi serq. Jaf li s-serqa li ohtu dahlet il-habs minhabba fiha kienet serqa li kien hemm l-involviment, b'xi mod jew iehor, tal-imputat. Jghid li kienet ohtu li qaltlu li kienet il-habs minhabba s-serqa. Mistoqsi jghid jekk ohtu kellmitux fuq stqarrijiet li kellha taghti dwar din is-serqa, wiegeb: *"Zgur ma kellmitniex"* (*a fol.* 356). Jghid li wara l-imputat kien qallu li ohtu kienet ghamlitlu *"hekk u hekk u l-bqija"* (*a fol.* 356). Jghid: *"Qalli "din mignuna". Qalli "ghamiltli statement, ha titfaghni l-habs" u sebah u dalam"* (*a fol.* 357). Jghid li l-imputat qallu li kienu ser jidhlu l-habs it-tnejn u li kienet qabdet u nfaxxat rasha qabel ma' qasmitha. Jghid li ohtu qatt ma kellmitu fuq stqarrijiet li tat lill-Pulizija dwar din is-serqa. Jghid ukoll li lill-imputat qallu biex ma jdahhlux fiha din il-bicca xoghol. Jghid li hu (Borg) ma qallu xejn lill-imputat b'riferenza ghall-istqarrija. Ghad-domanda jekk ohtu qaltlux li xi Pulizija qalilha

x'kellha xi tghid fl-istqarrija taghha, wiegeb: *"Dazgur li le"* (*a fol.* 358). Ghad-domanda: *"Li l-istatement taghha kien hemm Pulizija, qalulha x'ghandha tghid?"* (*a fol.* 358), wiegeb: *"Ma niftakarx ezatt x'qalli imma qalli hafna affarijiet l-imputat"* (*a fol.* 358).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz

**Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat kien gie originarjament akkuzat flimkien ma' certu Alexandra Dalmas b'numru ta' imputazzjonijiet, pero', kif inghad qabel, tul il-mori tal-proceduri kienet saret separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg imputati originali. Ghaldaqstant, din is-sentenza tirrigwarda biss l-imputat Joseph Cini li qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li jirrigwardaw serq b'numru ta' kwalifiki, hsara volontarja, nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet meta nghata l-helsien mill-arrest u kif ukoll li huwa recidiv.

Illi, da parte taghha, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 360 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' dak li jinghad minnha fin-Nota msemmija u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess Nota. Skond id-difiza, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 368 *et seq.*), l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u dana *stante* li d-difiza ssostni li l-Prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova l-kaz taghha.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li ser tigi skartata l-istqarrija (Dok. "JM 5" – *a fol.* 28 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fit-3 ta' Gunju 2012 u dana *stante* li minkejja li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma'

avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Serq Ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Lok u bil-Hin)**
**(142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha)**:
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'serq minn fond fil-Mellieha, liema serq qed jigi allegat li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-hin. Il-Qorti tinnota li, apparti dawn il-kwalifiki msemmija, kien hemm ukoll inkluz il-kwalifika tal-valur, liema kwalifika giet kancellata fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 228) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Ghal kull buon fini jinghad ukoll li fis-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 332), il-Prosekuzzjoni ddikjarat quddiem il-Qorti kif preseduta li ma kinitx qed tinsisti ghall-kwalifika tal-valur fl-ewwel (1) imputazzjoni, liema dikjarazzjoni ma kellhiex ghalfejn issir *stante* li l-kwalifika msemmija kienet diga' giet kancellata qabel!

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-

interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami li taghmel riferenza ghall-fond numru 142, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- PS 419 Anton Buttigieg xehed fuq l-okkorrenza ppreparata minnu fuq fir-rigward tas-serqa li ssir riferenza ghaliha f'din l-imputazzjoni. Din l-okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 43 *et seq.*).

- Il-konjugi Alfred u Eufrasia Borg spjegaw x'gara mindu daqq l-*alarm*, x'ghamlu u x'instab meta marru fil-fond in kwistjoni.

- Minkejja li PS 465 Daniel Abela ezebixxa zewg rapporti, huwa biss rapport immarkat bhala Dok. "DAF 2" (*a fol.* 69 *et seq.*) li huwa relatat mal-ewwel imputazzjoni. F'dan ir-rapport hemm imnizzel hekk: *"Illi l-esponent PS 465 Daniel Abela eleva 'filter' sigarett minn gewwa giardina zghira quddiem il-bieb li kien hemm l-isgass fl-imsemmi fond"* (*a fol.* 70). Jirrizulta mir-rapport imsemmi li dan il-*'filter'* gie kkonsenjat lil Dr. Marisa Cassar ghall-analizi ulterjuri.

- Fir-rapport taghha mmarkat bhala Dok. "DNA" (*a fol.* 278 *et seq.*), Dr. Marisa Cassar kkonkludiet li hareg profil genetiku ta' ragel li qabel mal-profil genetiku ta' Joseph Cini ID No. 304664M. Hija tikkonkludi li meta wiehed jikkonsidra l-profil genetiku li hareg mill-kampjun in kwistjoni: *"l-ipotesi li l-profil genetiku li hareg minn dan il-kampjun hu ta' Joseph Cini hija 9.06x10$^{17}$ iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil genetiku li hareg mill-kampjun hu ta' persuna ohra fil-popolazzjoni"* (*a fol.* 279).

- Minkejja li PS 1392 Kevin Buhagiar ezebixxa zewg rapporti, huwa biss rapport immarkat bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 180) li huwa relatat mal-ewwel imputazzjoni. Dan ir-rapport jikkontjeni numru ta' ritratti tal-post, inkluz tal-*filter* tas-sigarett misjub.

- PC 1525 Patrick Farrugia ipprezenta bhala Dok. "SOCO" (*a fol.* 254 *et seq.*) faxxikolu b'numru ta' ritratti u dana wara li gie nominat sabiex jigbed numru ta' ritratti ta' esebiti li jinstabu fil-Qorti.

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni tal-konjugi Alfred u Eufrasia Borg, li jiehdu hsieb il-fond 142, Triq Ghajn Zejtuna Mellieha, li l-fond in kwistjoni huwa proprjeta' ta' certu John Arkel. Mid-depozizzjoni ta' Eufrasia Borg jirrizulta li fil-fond in kwistjoni kien hemm residenti ragel u mara ta' nazzjonalita' Ingliza certu Robert u Dawn Marsh, hbieb tas-sidien. Dan jirrizulta wkoll mir-rapport Dok. "AB 1" (*a fol.* 43 *et seq.*) redatt minn PS 419 Anton Buttigieg. Fir-rapport imsemmi jinghad ukoll is-segwenti: *"Il-Pulizija tkellmet ukoll mal-familja li toqghod fl-imsemmija villa fejn stqarru illi huma hargu mill-villa ghall-habta tas-19.30hrs u meta rritornaw lura d-dar ghall-habta ta' l-22.50hrs huma sabu lis-Sur Borg fejn nfurmahom b'kollox. Huma ziedu jghidu ukoll illi wara l-hgiega li giet mkissra kien hemm ukoll bagalja bl-imsemmija affarijiet nieqsa go fiha li giet nieqsa"* (*a fol.* 47).

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-konjugi Marsh li jsiru riferenza ghalihom fl-ewwel (1) imputazzjoni ma xehdux f'dawn il-proceduri, jirrizulta li fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 228) id-difiza ddikjarat li ma kinitx qed tinsisti ghax-xiehda tal-koppja

Robert u Dawn konjugi Marsh *una volta* l-Prosekuzzjoni tnehhi l-aggravju tal-valur, liema aggravju msemmi gie eventwalment mnehhi mill-Prosekuzzjoni.

Illi jsegwi ghalhekk li ghandu jigi ezaminat jekk kienx l-imputat Joseph Cini li wettaq is-serqa li ssir riferenza ghaliha fl-ewwel (1) imputazzjoni. Dak li hemm jorbot l-imputat ma' din is-serqa in kwistjoni huwa l-*filter* li gie elevat minn fuq ix-xena tar-reat, specifikament gewwa gjardina zghira formanti parti l-fond in kwistjoni, minn liema *filter*, skond analizi ta' Dr. Marisa Cassar, hareg il-profil genetiku ta' ragel li qabel mal-profil genetiku ta' Joseph Cini (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 304664M), li huwa l-imputat fil-kawza odjerna. Dan il-*filter* ma ngabarx minn post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku pero' minn gjardina fuq wara tar-residenza derubata minn fejn sar l-isgass! Prova bhal din ma tista' bl-ebda mod tigi injorata. Da parta taghha, id-difiza, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, issostni li: *"Il-fatt li r-rizultanzi tad-DNA fuq filter ta' sigarett jikkorrispondu ma' l-imputat ma huwiex sufficjentement prova li l-imputat huwa hati ta' l-akkuzi addebitati lilu. In oltre, filter ta' sigarett huwa oggett li facilment jista' jigi trasportat minn post ghal iehor, u dan anke bl-elementi tan-natura"* (*a fol.* 370). Ma jinghadx li l-*filter* gie trasportat minn xi hadd apposta u mpoggi fil-gjardina tal-fond minn fejn saret is-serqa u bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-*filter* in kwistjoni gie trasportat proprju fil-gjardina tal-fond derubata mill-elementi tan-natura! Il-*filter* instab <u>proprju</u> fil-gjardina tal-fond derubat li jfisser li xi hadd dahal proprju f'parti tar-residenza li mhijiex accessibbli ghall-pubbliku u b'hekk dahal fil-fond in kwistjoni u wettaq is-serqa. Il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li dan ix-xi hadd ma kien hadd hlief l-imputat Joseph Cini.

Illi jsegwi ghalhekk li l-imputazzjoni li tirrigwarda s-serq li ssir riferenza ghaliha fl-ewwel (1) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-kwalifiki tal-mezz, lok u hin, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- <u>kwalifika tal-mezz</u>: Eufrasia Borg xehdet li nstab bieb mkisser, inkluz *louvers* u hgiega mkissra. Da parte tieghu, Alfred Borg xehed li sab bieb bil-*louvers* mkissrin u miftuha u hgiega ta' isfel mkissra. Riferenza ghar-ritratti li jiffurmaw parti minn Dok. "KB 1" (*a fol.* 180) juri dan kollu. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- <u>kwalifika tal-lok</u>: Jirrizulta li s-serqa in kwistjon sehhet go dar. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- <u>kwalifika tal-hin</u>: Fir-rapport redatt minnu (Dok. "AB 1" – *a fol.* 43 *et seq.*), PS 419 Anton Buttigieg jiddikjara li l-konjugi Marsh qalulu li hargu mill-fond ghall-habta tas-19.30hrs u li rritornaw lura ghall-habta tal-22.50hrs. Eufrasia Borg tispecifika li l-*alarm* fuq il-*mobile* taghha daqq ghall-habta tal-10.00pm. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti tinnota li t-tliet kwalifiki msemmija, u cioé dawk tal-mezz, tal-lok u tal-hin gew pruvati. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu bil-kwalifiki appena msemmija.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hsara Volontarja)</u>**:
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi hsara volontarja, fejn jigi specikat *"l-iktar f'aperuturi"* ghad-dannu tal-koppja Robert u Dawn konjugi Marsh. Kif diga' nghad hawn fuq, jirrizulta li l-fond fejn kienu qed jirrispjedu Robert u Dawn konjugi Marsh m'huwiex proprjeta' taghhom tant li l-konjugi Alfred u Eufrasia Borg jixhdu li s-sid huwa certu John Arkel. Apparti dan, Alfred Borg jixhed li l-hsara sewwieha hu stess u li kien nefaq madwar mija u hamsin Euro (€150.00) pero' fl-istess waqt jghid li dawn baghtihom is-sid u li hu (Borg) ma ghandu l-ebda ricevuta.

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq Ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur, bil-Lok u bil-Hin)</u>**
**<u>(Villa Valentina, Triq il-Gojjin, Mellieha)</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 332) il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kinitx qed tinsisti ghat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tant li rtirat tali imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Nuqqas ta' Tharis ta' Kundizzjoni)</u>**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li naqas li jhares wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu meta nghata l-helsien mill-arrest. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni. Il-Prosekuzzjoni stess tirrikonoxxi dan fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 360 *et seq.*) fejn tispjega ghala ma ressqet l-ebda prova. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputat fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>**
Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tat-12 ta' April 2013 l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Joseph Mercieca pprezenta tmien sentenzi li gew immarkati minn Dok. "SNG 1" sa Dok. "SNG 8" (*a fol.* 107 *et seq.*), li skond id-depozizzjoni tal-iSpettur Mercieca fl-imsemmija seduta gew moghtija fil-konfront tal-imputat Joseph Cini. Il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 228), id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li jkun hemm l-konferma tal-identita' tal-imputat fis-sentenzi ezebiti u li, f'kaz ta' htija, ghandha tigi applikata d-dispozizzjoni tar-recidiva. Tenut kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet

sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati wkoll tal-hames (5) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li huma biss l-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjoni li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, fir-rigward ta' dak allegat mill-imputat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 372 *et seq.*), fejn inghad li x-xhud principali tal-kaz gie avvicinat mill-Prosekuzzjoni fejn l-istess imputat qal li dan ghandu jirrizulta minn dak li xehed Anthony Borg fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018, il-Qorti tinnota li filwaqt li ma jirrizultax dak allegat mill-imputat tinnota wkoll li d-depozizzjoni ta' Anthony Borg ma kellha assolutament l-ebda rilevanza sabiex il-Qorti tasal ghas-sejbien ta' htija tal-imputat kif hawn fuq dedott.

Illi, fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati lilu u li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "JM 3" – *a fol.* 9 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi u n-natura tal-imputazzjonijiet li gew pruvati, b'mod specjali l-fatt li l-imputat ghandu jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemmx dubju li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva u dana *stante* li jirrizulta li l-imputat ma jridx jirriforma hajtu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u dana *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni kif hawn fuq imsemmi,

ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom,

u

wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b), 261(e), 261(f), 263(a), 269(g), 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Joseph Cini hati tal-ewwel (1) imputazzjoni (inkluz tal-kwalifiki tal-mezz, tal-lok, u tal-hin) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Cini sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri (liema spejjez gew intaxxati u li l-hatra ta' l-esperti in kwistjoni kienet konnessa mal-imputazzjonijiet li taghhom gie misjub hati l-imputat) u cioé is-somma ta' tliet mija u disgha u disghin Euro u hames centezmi (€399.05).[1]

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[1] PS 465 Daniel Abela (Dok. "DAF 2" – *a fol.* 72) (€19.80); Dr. Marisa Cassar (Dok. "DNA" – *a fol.* 280) (€283.20); Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. "SFS 1" – *a fol.* 347 *tergo*) (€96.05).